# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022

Mandat Numru. **1885/2021ISB 7**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1885/2021ISB** fl-ismijiet :

**Multi Packaging Limited C158**

vs

**Infrastructure Malta**

Il-Qorti :

Preliminari

Rat ir-**rikors** prezentat mir-rikorrenti fl-20 ta' Decembru 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, is-socjeta` rikorrenti (MP) talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimata:

> *Taghmel, u/jew taghti struzzjonijiet sabiex isiru kwalsiasi xogholijiet ta' zvilupp, inkluz izda mhux limitat ghal xogholijiet ta' skavar, tqattigh, demolizzjoni, kostruzzjoni, asfaltar u xogholojiet ohra relatati mat-twessigh ta' Triq San Anard/Triq il-Gudja ma' Triq Hal Tarxien, Bulebelt, limit taz-Zejtun, adjacenti mal-fabbrika taghha.*

u dan ghar-ragunijiet u l-premessi hemmek maghmula.

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** taghha tal-20 ta' Dicembru 2021 fejn laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata bi zmien prefiss biex twiegeb, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-5 ta` Jannar 2022, li kellha tigi differita ghas-17 ta' Jannar 2022 minhabba indisposizzjoni tal-Qorti.

Rat li l-intimata kienet debitament notifikata .

Rat ir-**risposta** tal-Agenzija intimata Infrastructure Malta (IM) pprezentata fit-28 ta' Dicembru 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Semghet, waqt l-udjenza mizmuma, id-dikjarazzjoni ta' l-Ingineer Frederick Azzopardi in rapprezentanza tal-intimata IM b`riferenza ghall-**Artikolu 873(3) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, fejn stqarr, illi "*kieku ma sarx il-Mandat odjern, ix-xogholijiet li qe djigu ttentati jitwaqqfu b'dan il-Mandat kienu jsiru u ghad hemm l-intenzjoni illi dawn isiru*"[1] - u b'hekk issodisfaw dak li trid il-ligi f'dan il-kuntest biex il-Mandat jinstema` u jigi deciz.

---

[1] Vide verbal tas-seduta mizmuma 17.01.2022

Semghet ix-xhiedha prodotti mill-MP, senjatament Peter Paul Coleiro, l-Ingineer Fabio Stivala, l-Ingineer Nicholas Bellizzi u rat-id-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet anke waqt it-trattazzjoni tad-difensuri.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2022 u rat illi r-Rikors thalla ghal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-kumpannija rikorrenti MP tiggestixxi fabbrika f'Bulebel limiti taz-Zejtun, preciz mal-inkorcju tat-toroq indikati fuq, u minn din il-fabbrika jahdmu 80 haddiem. Peress illi l-prodotti ta' din il-fabbrika jfornu diversi fabbriki ohra f'Malta, MP ssostni illi fil-fatt huma eluf ta' haddiema illi jiddependu mill-produzzjoni taghha, anke jekk b'mod indirett.

Fil-kors tal-produzzjoni tal-prodott taghha (kaxxi tal-kartun), il-fabbrika tas-socjeta` rikorrenti tuza ammont kbir ta' gas LPG u hemm tankijiet biex appuntu jinhazen dan il-gas, li jlahhqu l-kapacita' ta' 20,000 litru. Il-kumpannija rikorrenti ssostni illi t-tankijiet jinsabu appuntu fl-inkrocju tat-toroq fuq msemmi u jekk jisplodu tkun ikkagunata herba.

MP issostni illi kif inhu l-istat taghhom llum, kemm bid-distanza li jinsabu l-boghod mit-triq u kemm minhabba hitan li hemm, hemm sikurezza adekwata fil-konfront ta' dawn it-tankijiet, inkluz minn incidenti stradali – u allura m'hemmx perikolu ghall-fabbrika u n-nies. Di fatti, kif inhi illum is-sitwazzjoni, hemm ic-certifikazzjoni kollha necessarja tal-awtoritajiet kompetenti tas-sahha pubbliku u ukoll l-energija.

Il-fatt illi x-xogholijiet prevvisti jnaqqsu d-distanzi tat-tankijiet minn mat-triq – allura ser jinholoq periklu, tikkontendi MP, kemm ghall-fabbrika, kemm ghal haddiema u kif ukoll ghar-residenzi tal-madwar. Di piu` tikkontendi illi hija ser titpogga fi stat ta' illegalita` in kwantu illi ser jigu pregudikati l-licenzji u permessi moghtija ghat-tankijiet. MP ssostni illi jekk ikollha tispostja it-tankijiet, dan ikun ifisser illi jkollha taghlaq il-

bibien taghha ghall-perjodu ta' zmien u dak kollu huwa priz sproporzjonat illi ser ikollha terfa' l-kumpannija.

MP ssostni illi minkejja diversi diskussjonijiet ma' diversi entitajiet, inkluz Indis Malta, is-CPD, l-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta' fuq ix-Xoghol, il-GWU, ir-Regolatur tal-Enegerija – l-Agenzija intimata ddecidiet illi timxi l-quddiem bil-progett – u ghalhekk allura r-rikors odjern.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naha taghha, l-Agenzija intimata Infrastructure Malta (IM) tirribatti billi tghid illi l-Mandat ma ghandux jintlaqa' ghaliex ma jezistix id-dritt *prima facie* li MP ghandha bzonn biex tirnexxi fl-azzjoni taghha. Tghid illi l-progett huwa intiz biex itejjeb il-qaghda tat-toroq minhabba diversi incidenti serji rrapportati. Tikkontendi illi MP ma ressqitx prova dwar it-titolu illi ghandha fuq il-fabbrika u lanqas prova tal-licenzji ghal hazna tal-gass LPG. IM ssostni illi l-art fejn ser isir ix-xoghol huwa proprjeta' tal-Gvern assenjata lil INDIS Malta. IM ssostni illi l-kwistjoni ta' MP hija biss wahda pekunjarja.

Filwaqt illi IM ssostni illi MP ma gab ebda prova ta' pregudizzju li ser issofri bix-xogholijiet, IM tghid illi l-element tad-disproporzjonalita' ma giex sodisfatt. Anzi, ssostni illi kienet hi stess illi pproponiet illi jsiru, a spejjes taghha, *concrete fire wall/blast wall* bhala lqugh adekwat kif issugerit mis-CDP minflok it-tlett filati hajt illi hemm llum. Di piu`, MP inghatat diversi alternattivi ohra u mitigazzjoni ghar-riskju izda rrifjutathom a skapitu ta' triq illi hija ta' periklu ghal incidenti tat-traffiku.

Is-socjeta` rikorrenti pproduciet tlett xhiedha. Minn naha tieghu, **Peter Paul Coleiro** mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili (CPD) spjega illi d-dipartiment tieghu ma jiehux decizjonijiet izda jigi kkonsultat mir-Regolatur (Regulator for Energy and Water Services - REWS) dwar applikazzjonijiet li jkun hemm, f'dan il-kaz ghall-hazna ta' gas LPG. Spjega illi is-CPD ma kienx sab oggezzjoni soggett ghal xi kundizzjonijiet li ma jafx jekk avverewx ruhom. Huwa spjega illi jistriehu hafna fuq il-parir tal-Ingineer u ghalkemm fir-rigward tax-xogholijiet

proposti, bhala CPD ma ghandiex diffikulta', b'dana kollu huwa konxju illi hemm l-Ingineer Stivala illi ghandhu rizervi.

**L-Ingineer Fabio Stivala** minn naha tieghu ighid illi huwa kwalifkat u rikonoxxut minn REWS sabiex jaghti pariri u johrog rapport fuq kwistjonijiet ta' *fire prevention/safety*. Jghid illi MP jiehdu s-servizzi tieghu u meta riedu japplikaw ghat-tankijiet kien irrilaxxja rapport illi wassal biex eventwalment REWS harrget il-permessi. Jghid illi l-izvilupp propost mill-IM jenkrocja fuq l-art fejn hemm it-tankijiet, bil-konsegwenza illi l-hajt mit-tankijiet sat-triq ser jersaq u d-distanza bejn it-tankijiet u t-triq ser tickien – u dan imur kontra r-regoli u *standards* ghall-hazna ta' gas LPG.

Jghid illi REWS joqghodu fuq il-parir u rapport tal-Ingineer u fil-fehma tieghu il-periklu hu illi jekk isiru x-xogholijiet kif proposti u jkun hemm accident, hemm possibilita' gravi ta' spluzjoni li taghmel hafna hsara, peress illi hemm madwar 22,500 litru ta' LPG gas mahzun. Jirreferi ghall-*blast wall* li qed tipproponi l-IM u ighid illi dan mhux ta' ghajnuna jkun, izda jikkreja aktar periklu peress illi jekk ikun hemm spluzjoni, bid-distanza mnaqqsa u bis-sahha tal-hajt – l-izpluzjoni jkollha effetti amplifikati. Jikkonferma illi fis-sena 2021, MP talbu zieda fil-hazna u huwa rtira ic-certifikazzjoni tal-*fire safety* fir-rigward. Jipprezenta dikjarazzjoni miktuba DOK FS1 u jikkonfermha bil-gurament tieghu.

Xehed l-**Ingineer Nicholas Bellizzi** illi kkonferma l-firma tieghu u l-kontenut ta' DOK FS1.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi mid-dokumenti esebiti, il-Qorti tara illi **b'DOK FS1**, iz-zewg Ingineera firmatarji tieghu isostnu illi:

> *The facility had received operational licence by the REWS and a No Objection declaration by the CPD. Therefore, its design is in full compliance with all the relevant regulations and as required by the Regulator/Authority.*
>
> *The road works proposed by Infrastructure Malta, will result in a large diameter roundabout, which will result in an encroachment into the MPL-Indis Land, resulting in carriageways in close*

*proximity to the Gas Tanks. This implies that the regulation-imposed distance between the gas tanks and buildings and site boundaries would no longer be complied with, rendering the installation illegal*.

Illi mill-**emails skambjati** bejn il-partijiet u partijiet ohra interessati fil-progett, il-Qorti tikkonkludi illi:

a) Sa almenu minn nofs Lulju 2021, bdiet il-korrispondenza u gja hemm evidenza ta' "*concerns*" illi MP kienet qed taffaccja. Hemm il-konferma ta' sid l-art (INDIS) illi qed isiru diskussjonijiet biex jigi sorvolati l-*concerns*.
b) Illi jidher illi fit-23 ta' Lulju 2021 INDIS u MP kienu ftehmu illi INDIS kellha tiltaqa' ma' IM biex tara kif l-ahjar jirrizolvu ruhom il-pendenzi, anzi, biex IM tipprovdi pjanti godda, izda *reminders* lil INDIS fl-4 ta' Awissu 2021, fis-17 ta' Awissu 2021 u fid-9 ta' Settembru 2021 juru illi MP baqghu bla risposta. Tant illi fid-9 ta' Settembru 2021, INDIS tibghat email lil IM biex issir laqgha "*to re-discuss this issue and find a possible solution*".
c) Illi IM baqghet ma rrisponditx u fil-fatt, sitt gimghat wara, fil-21 ta' Ottubru 2021, INDIS tibghat reminder, u addirittura ssaqsi jekk IM ghadiex bil-hsieb tal-progett.
d) Illi jidher illi sehhet laqgha fl-10 ta' Novembru 2021 fejn IM pproponiet illi jinhatar Ingineer barrani "*to come up with a mitigation plan that will allow an acceptable deviation from the LPG installation distance requirements and regulations*" – proposta illi jidher illi IM baqghet ma ghamlitx.
e) Illi IM issa tirrispondi b'mod immedjat illi l-progett "*is still planned to be implemented*" imma ma jirrizultax illi pproponiet kif kellhom jigu indirizzati l-problemi u l-concerns ta' MP.
f) Illi fil-15 ta' Dicembru 2021 inghata bidu ghax-xogholijiet u l-Inginiera tal-MP mill-ewwel esprimew id-diffikultajiet taghhom, l-pro-okkupazzjoni taghhom u anke talba illi x-xogholijiet jieqfu sakemm jinstabu s-soluzzjonijiet.
g) Illi f'dik l-istess data, IM tirrispondi biss billi tghid illi ma ghandiex xi zzid ma' dak li kienet qalet qabel.

Illi gew esebiti ukoll minn IM il-Guidelines on Documents required for the Granting, Renewal or Transfer of an Authorisation to operate a Secondary Facilty of LPG (IM 1), u kif ukoll lista tal-incidenti stradali li sehhew fil-junction fejn hu propost illi jsir ix-xoghol minn IM (IM 2).

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap.12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[2] qalet hekk –

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

> *Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha*

[2] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

*kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, fil-kaz odjern, b`zieda mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe`:

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, izda huwa bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-

Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jigi precizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu maghdud, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi dak li MP qed tfittex illi twaqqaf huwa xogholijiet fil-junction bejn Triq San Anard, Triq Hal Tarxien u Triq il-Gudja, li IM iridu jwettqu peress illi ssostni illi huwa necessarju intervent strutturali sabiex jigu evitati aktar incidenti stradali, u li biex isiru tali xogholijiet ser ikun hemm *encroachment* fuq art ta' INDIS, uzata u okkupata minn MP ghal hazna ta' gass LPG li hija tuza fil-kors tal-operat taghha.

Il-Qorti tibda' biex tghid illi hija tifhem l-importanza ta' agenzija governattiva u pubblika bhal ma hi IM. IM tamministra hafna flejjes pubblici fi progetti infrastutturali illi ghandhom iservu biss ta' fejda u miljorament fit-toroq Maltin fost ohrajn. Illi dan ghandu dejjem pero` isir b'rispett lejn id-drittijiet u anke l-ilmenti illi terzi jistghu jkunu qeghdin javvanzaw.

Mill-provi prodotti, kif hawn fuq esposti, il-Qorti tifhem illi IM irrikonoxxiet illi kien hemm min seta` kellu problema bil-progett kif propost. Tant hu

dan illi dahhlet f'diskussjonijiet ma' MP u INDIS, kien hemm mument meta kien mistenni illi IM tohrog bi pjanti godda u kien hemm anke zmien meta kienet IM stess illi pproponiet illi tqabbad konsulent barrani sabiex jevalwa u **jnaqqas** (mitigate) l-impatt tal-progett fuq il-fabbrika u l-hazna taghha tal-LPG gas.

Dan mhux kontradett minn IM u l-Qorti ghalhekk tinnota illi l-ilmenti u d-diffikultajiet li MP kienet qed tirriskontra, IM kienet qed tehodom *on board* u tara kif tista` tinstab soluzzjoni.

Li mhux car, imma certament mhux accettabbli ghall-Qorti hu illi f'animu sahan bhal dak li kien inholoq, cioe`, id-diskussjoni bil-ghan illi d-diffikultajiet rikonoxxuti jigu solvuti, f'daqqa wahda ikun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni u anzi atteggjament stramb, inkooperattiv u diviziv da parti ta' IM biex tibda u timplimenta l-progett irrispettivament mid-diskussjonijiet, l-ilmenti u anke l-proposti li IM stess kient qed taghmel peress illi kienet qed tirrikonoxxi li kien hemm diffikultajiet bil-progett kif propost.

Il-Qorti thoss illi dan mhux sewwa, u entita` pubblika ghandha tkun b'sahhitha fil-hsieb taghha, minghajr imma ma tkun arroganti u anzi, tagixxi dejjem b'rispett lejn id-drittijiet illi terzi, cittadini jew azjendi, jista' jkollhom. Dan jghodd ugwalment ghal min imexxi tali entitajiet pubblici.

Dan qed jinghad fil-kuntest tal-fatt illi jirrizulta illi filwaqt illi jidher illi kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin bejn il-partijiet koncernati lejn il-bidu tas-sajf 2021, IM anke pproponiet illi tigi bi pjanti godda – haga li ma saritx. Mhux biss, imma matul Awissu u Settembru jidher illi ntbghatu numru ta' *reminders* lil IM li baqghet ma rrisponditx (bhal qisu' qatghet il-kuntatt), tant illi, mhux MP, imma INDIS, addirittura hadet l-impressjoni illi IM setghet abbandunat il-progett.
Dan ma jidhirx illi kien il-kaz ghaliex filwaqt illi fuq proprosta ta' IM stess kien mistenni illi jigi nominat espert barrani (a spejjes ta' IM) biex jirrapporta dwar mizuri li jimmitagaw l-impatt tal-progett, f'Dicembru nghata bidu ghax-xogholijiet li dan il-Mandat qed jittenta jwaqqaf.

Ma jirrizulta xejn lil Qorti illi dawn il-fatti kif esposti qeghdin b'xi mod jigu kontradetti minn IM, anzi! U ghall-Qorti, atteggjament bhal dan minn

entita' pubblika mhu rakkomondat qatt u wiehed jista' biss jispera illi ma jirreptix ruhu u t-tmexxija ta' IM tkun, ferma fid-decizjonijiet taghha iva, imma certament b'rispett lejn kwalsiasi parti li tista' tkun interessata f'impatt illi progett minn taghha jista' jkollu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi fir-rigward tal-**ewwel element** mistharreg, cioe`, illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet li r-rikorrenti qed jippretendi li ghandu, il-Qorti tqis illi dan l-element gie sodisfatt. Dan qed jinghad peress illi jibqa' inkontestat ir-Rapport tal-Inginiera FS1, minn fejn jirrizulta lill-Qorti, li l-unika konkluzjoni ta' esperti li hemm in atti hija illi jekk isir il-progett kif proprost, ser jigu kompressi d-distanzi rikjesti bir-regolamenti sabiex jinzammu t-tankijiet bil-konsegwenza illi s-socjeta` rikorrenti MP tkun tista' potenzjalment tigi mitluba tnehhi t-tankijiet.

Jidher pacifiku, mill-provi prodotti, illi hajt baxx jew le, illum, ghall-Awtorita' kompetenti, REWS, is-socjeta` rikorrenti kienet in regola mar-rekwiziti sabiex hija zzomm il-hazna tal-gass LPG. Din minn naha taghha strahat anke fuq l-opinjoni tal-Inginiera esperti, liema Inginiera llum qed ighidu illi x-xogholijiet ser jippregudikaw s-sitwazzjoni legittima illi l-kumpannija rikorrenti tinsab fiha.

Irid jinghad illi dawn l-esperti teknici (Ing. Stivala u Ing. Bellizzi) b'ebda mod ma gew kontradetti fil-kors ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tifhem illi bl-istess mod kif l-Awtorita` kompetenti regolatur toqghod fuq il-parir taghhom sabiex taghti l-licenzja, hekk ukoll tigi kostretta tirtira kwalsiasi licenzja illi llum ghandha MP jekk isir il-progett, u dan a bazi ta' xejn aktar mir-rapport tal-Inginieri inkarigati mill-istess MP.

Ghalhekk illi l-ewwel rekwizit huwa milhuq.

In kwantu it-**tieni rekwizit**, cioe` illi MP tipprova fuq livell *prima facie* dawk il-jeddijiet, il-Qorti tosserva illi IM mhux tiddisputa d-dritt tas-socjeta` rikorrenti illi hija ghandha bzonn il-hazna tal-LPG gas. Anzi, kienet anke dahhlet fi trattattivi (li jidher illi hi stess waqqfet hesrem) sabiex tinsab soluzzjoni, kemm b'mizuri ta' mitigazzjoni ta' periklu u kif ukoll alternattivament ta' spustjament tat-tankijiet. Kwindi l-Qorti tifhem

illi kienet anke IM, bl-agir taghha, illi rrikonoxxiet id-dritt ta' MP li jirrizulta *prima facie*.

B'hekk huwa sodisfatt ukoll it-tieni rekwizit.

In kwantu it-**tielet rekwizit** fil-kaz odjern, ossia illi <u>l-intimat jiddikjara illi kien hemm u ghad hemm il-hsieb illi l-progett isir</u> – issir referenza ghall-verbal tas-seduta mizmuma – u kwalsiasi kumment iehor ikun superfluwu peress illi dik id-dikjarazzjoni tirrizulta.

Ghalhekk anke it-tielet rekwizit huwa sodisfatt.

In kwantu **ghar-raba' u l-ahhar rekwizit**, allura l-<u>isproporzjon tal-pregudizzju</u>, jinghad illi l-Qorti hawnekk trid tisharreg jekk MP hux ser issofri pregudizzju sproporzjonat ma' dak li tista' ssofri IM jekk il-Mandat jintlaqa`.

Mill-provi prodotti u mit-trazzjoni tad-difensuri, il-Qorti fehmet illi IM trid taghmel dan il-progett peress illi f'dik il-junction ikun hemm hafna incidenti stradali. Tghid fir-risposta taghha illi MP qed tipprova twaqqaf lil IM "*milli taghmel xogholijiet necessarji fl-interess tas-sahha pubblika, li jsalva l-hajjiet ta' eluf ta' utneti tat-triq li juzaw it-toroq in kwistjoni ghat-tragitti taghhom ….*".

L-unika prova illi IM ressqet f'dan ir-rigward hija statistika mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva li turi illi fis-sena 2021 kien hemm 20 incident li minnhom f'7 kien hemm ferimenti gravi izda mhux mwiet.

Filwaqt illi ghal Qorti kull incident huwa sfortuna, wisq aktar meta persuna twegga`, u kull incident ghandu jigi evitat, pero` trid tirrimarka illi din l-istatistika hija ferm l-boghod milli tipprova dak allegat minn IM.

Il-Qorti thoss illi filwaqt illi jekk esperti tat-traffiku (u minn dan ma kien prodott xejn) jsostnu illi huwa necessarju intervent strutturali u infrastrutturali sabiex jkunu evitati aktar incidenti fi triq partikolari, certament illi tali espert jista' jsib aktar minn soluzzjoni wahda ghal dan. Allura, bbazat fuq l-istatistika prodotta mill-istess IM, il-Qorti tifhem illi l-pregudizzju li ssofri IM jekk il-Mandat jintlaqa' hu illi bil-progett kif

propost (ghax jista' certament hemm alternattivi ohra) – jkunu ffrankati 20 incidenti fis-sena minn eluf ta' incidenti li jsehhu fit-toroq taghna.

Minn naha l-ohra, jekk il-Mandat kellu jigi michud, MP ssofri pregudizzju tali illi jew it-tankijiet jibqghu hemm imma b'periklu imminenti ta' spluzjoni ta' gas b'detriment ghan-nies fl-akkwati u l-haddiema tal-fabbrika, b'detriment ghall-operat tal-fabbrika u anke b'detriment ghall-licenzja li llum tgawdi mill-Awtorita' REWS biex zzomm u topera dawk it-tankijiet minhabba ksur tar-regolamenti, jew jista' jwassal biex t-tankijiet fejn huma llum ikollhom jitnehhew u jigu nstallati band'ohra, li jkun ifisser pregudizzju mod iehor lil MP, in kwantu spejjes, waqfien fil-produzzjoni, trattattivi ma' INDIS u tant haga ohra. U dan kollu, aktarx minhabba atteggjament pikuz da parti ta' IM kif fuq stabbilit.

Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi l-pregudizzju li ssofri MP jekk il-Mandat ma jintlaqax huwa sproporzjonat ma' dak il-pregudizzju li tista' ssofri IM jekk il-Mandat jintlaqa`.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –

1. **Tilqa'** it-talba ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub b'mod definittiv.

Spejjes ta' din il-procedura a karigu tal-agenzija intimata IM.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |